MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 772/2008

**Av Carmel Chircop**

**Vs**

**Louis Tabone**

Permezz ta’ kawza prezentata fit-30 ta’ Lulju 2008 l-attur qieghed jitlob hlas ta’ sittax-il elf mitejn u tnejn u erbghin ewro (€16,242) bhala hlas ghal servizz professjonali li ta lill-konvenut fir-rigward ta’ laqghat, bejgh ta’ proprjeta u separazzjoni.

Il-konvenut ikkontesta t-talbiet u jsostni li ta diversi hlasijiet lill-attur. Il-konvenut ressaq ukoll talba rikonvenzjonali fejn qieghed jitlob li l-attur jigi kundannat ihallsu s-somma ta’

ghoxrin elf ewro (€20,000) danni li jallega li sofra minhabba nuqqas min-naha tal-attur fil-mod kif wettaq id-dmirijiet professjonali tieghu. F'dan ir-rigward spjega li l-attur kien assistih fil-bejgh ta' Cherry Tree Bar & Restaurant, Bugibba u naqas milli jiehu hsieb li flimkien mal-bejgh issir cessjoni ta' kirja tal-fond Swift. Skond il-konvenut dan in-nuqqas wassal sabiex baqa' inkwilin tal-fond b'kera dovuta ghall-hames snin.

L-attur ikkontesta t-talba rikonvenzjonali billi ddikjara li:-
1. Louis Tabone m'huwiex il-legittimu kontradittur ghaliex m'huwiex is-sid tal-fond Cherry Tree Bar & Restaurant u Swift.
2. L-allegazzjonijiet li ghamel il-konvenut m'humiex minnhom. Spjega li l-fond Swift qatt ma ssemma waqt in-negozjati. Inoltre minkejja li wara l-kuntratt ta' bejgh tal-fond Cherry Tree Bar & Restaurant il-partijiet iltaqghu diversi drabi, il-konvenut qatt ma lmenta dwar in-nuqqas tac-cessjoni tal-kirja lil Mario Schembri.
3. Ma jistax jinzamm responsabbli ghal nuqqasijiet tal-konvenut.

Permezz ta' nota prezentata fit-22 ta' Novembru 2011 il-konvenut:-
i. Ammetta t-talbiet tal-attur.
ii. Irrinunzja ghat-talba rikonvenzjonali.

**Ghal din ir-raguni l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' sittax-il elf mitejn u tnejn u erbghin ewro (€16,242).**
**2. Tilkkundanna lill-konvenut ihallas l-imghax mill-4 ta' Gunju 2008 sad-data tal-hlas.**
**3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet rikonvenzjonali.**
**Spejjez a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------